# Dan jista' jkun ta' għajnuna għalik meta tivvota

**X'għandek tgħid lill-uffiċjal tal-votazzjoni. Għid lill-uffiċjal mal-mejda tal-votazzjoni ismek sħiħ (kunjomok u l-ismijiet kollha) u l-indirizz tiegħek**. L-uffiċjal jiċċekkja l-lista biex jara jekk ismek hux imniżżel u li int tkun tista' tivvota. Jekk hemm bżonn inti tkun tista' tikteb dawn id-dettalji fuq biċċa karta u tagħtiha lill-uffiċjal mal-mejda.

## Karti tal-voti

L-uffiċjal imbagħad jagħtik żewġ **(2) karti tal-votazzjoni**. **Karta żgħira għall-Assemblea Leġislattiva** (biex tivvota għar-rappreżentant tad-distrett tiegħek) u **karta akbar għall-Kunsill Leġislattiv** (biex tivvota għall-elezzjoni ta' 21 membru tal-Kunsill).

**Ħu l-karti tal-votazzjoni fil-post apposta fejn tkun tista' tikteb u immarka l-voti tiegħek fil-privatezza kollha.**

## Kif tivvota għall-Assemblea Leġislattiva (Karta tal-Vot Żgħira)

Immarka l-karta tal-vot billi tpoġġi n-numru "1" fil-kaxxa ħdejn l-isem tal-kandidat illi inti tkun trid tagħti l-ewwel preferenza fil-vot. Inti tkun tista' tivvota għal kandidati oħra billi tpoġġi numri konsekuttivi li jibdew bin-numru "2" fil-kaxxa ħdejn l-ismijiet ta' dawn il-kandidati kif inti tippreferihom.

## Kif tivvota għall-Kunsill Leġislattiv (Karta tal-Vot Kbira)

Meta tivvota għall-Kunsill Leġislattiv inti tista' tivvota 'l **fuq** jew 'l isfel mil-linja ħoxna sewda fuq il-karta tal-vot.

### Tivvota 'l fuq mil-linja ħoxna sewda

Inti tkun tista' tivvota 'l fuq mil-linja ħoxna sewda billi tpoġġi n-numru "1" fil-kaxxa fuq il-grupp ta' kandidati li inti tkun trid tivvota għalih. Jekk tkun trid inti tkun tista' tivvota għall-gruppi oħra ta' kandidati billi tpoġġi numri konsekuttivi li jibdew minn numru "2" fil-kaxxi fuq il-gruppi ta' kandidati oħra fl-ordni li inti tippreferihom.

### Tivvota 'l isfel mil-linja ħoxna sewda

Inti tkun tista' tivvota 'l isfel mil-linja ħoxna sewda billi tpoġġi n-numri "1", "2", "3", "4", "5", "6", "7", "8", "9", "10", "11", "12", "13", "14", u "15" fil-kaxxi ħdejn l-ismijiet tal 15-il kandidat fl-ordni li inti tippreferihom. Inti tkun tista', jekk trid, tivvota għal aktar kandidati billi tpoġġi numri konsekuttivi jibdew mis-"16" fil-kaxxi ħdejn l-ismijiet ta' dawk il-kandidati oħrajn fl-ordni li tippreferihom.

## Il-Kaxxa tal-Vot

Meta tispiċċa timmarka l-karti tal-voti itwiehom ħalli l-voti ma jkunux jistgħu jidhru u **poġġihom fil-kaxxi proprji kif tkun se toħroġ mill-post tal-vot**.

## Importanti

Itwi l-karta tal-vot ħalli l-vot tiegħek ma jkunx jidher, uri l-karti tal-vot mitwijin tiegħek lill-uffiċjal ta' l-elezzjoni u itfagħhom fil-kaxxi tal-vot proprja.

MALTESE

### Votazzjoni Assenti

**Jekk se tkun il-bogħod mil-lokal tiegħek fil-ġurnata ta' l-elezzjoni inti tkun tista' tivvota xorta**. Kull ma jkollok tagħmel hu li tmur fil-mejda immarkata "**ABSENT**" u għid lill-uffiċjal fejn toqgħod. L-uffiċjal imbagħad jieħu mingħandek xi partikularitajiet ta' ismek u indirizz u jpoġġihom fuq barra ta' invilopp u li tkun meħtieġ tiffirma. Imbagħad tiġi mogħti l-karti tal-voti. Dawn int għandek timlihom fil-post fejn tkun tista' tikteb, u wara li titwihom irritornahom lill-uffiċjal fejn dan ipoġġihom fl-invilopp li tkun iffirmajt, issiġilla l-invilopp u itfgħu fil-kaxxa tal-vot.

### Ismek mhux fil-lista tal-votanti

Jekk ismek mhux fil-lista tal-votanti jew ismek ġie immarkat bħala li diġa ivvutajt bi żball mill-uffiċjal inti xorta tkun intitolat li tivvota u tkun tista' tapplika għal dak li jgħidulu Section Vote. Inti tiġi mgħoti invilopp, li jkun fih dikjarazzjoni, fejn l-uffiċjal jimliha għalik u jsaqsik tiffirma. Imbagħad l-uffiċjal jara li inti tkun iffirmajt ismek, iżomm l-invilopp u jagħtik il-karti tal-voti. Kif tispiċċa timlihom irritornahom lura lill-uffiċjal. L-uffiċjal ipoġġi l-karti mitwija fl-invilopp, jissiġillaħ u jpoġġiħ fil-kaxxa tal-voti.

### Vot Sigriet

Ħadd ma hu intitolat ikun jaf kif ivvutajt. Hemm xi eletturi li jinsabu ikkonċernati li meta jpoġġu l-karti tal-vot f'xi invilopp li huma jkunu iffirmaw dan jippermetti l'xi persuna tidentifika kif ikunu ivvutaw.

Ir-Returning Officer biss jew xi uffiċjal magħżul apposta fil-preżenza ta' l-Iskrutinaturi jista' jiftaħ dawn l-inviloppi. Direzzjonijiet speċjali huma mogħtija kif dawn il-karti tal-voti għandhom jiġu ittrattati li jinvolvi kif dawn għandhom jiġu maħruġa mill-invilopp u t-tpoġġija immedjata tagħhom fil-kaxxa talvoti.

### Għajnuna Speċjali

Nies li ma jafux la jiktbu u lanqas jaqraw l-istruzzjonijiet, jew li jsofru b'xi diżabbiltà jistgħu jirranġaw ma' xi ħabib jew membru tal-familja biex jgħinhom jivvutaw. Dawn jistgħu wkoll jitolbu għajnuna mingħand xi uffiċjal.

### Karti tal-vot imħassra

Jekk, bi żball jew xi aċċident ieħor il-karta tal-vot tiegħek tkun tħassret, tqattaħiex jew tarmijiex, irritornha lill-uffiċjal ta' l-elezzjoni biex jagħtik oħra.